Qorti tal-Appell

(Imhallef Anthony Ellul)

Appell numru: 4/2017

**Eugenio Cremona**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

22 ta' Settembru, 2017.

1. Fl-14 ta' Ottubru, 2015 l-appellat ha d-decizjoni li l-appellant kellu jirrifondi s-somma ta' €1,346.69 li rcieva bhala *National Minimum Invalidity Pension* matul il-perjodu 21 ta' Awissu sas-6 ta' Novembru, 2015.

2. L-appellant ippropona appell *ai termini* tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

3. B'decizjoni tad-29 ta' Marzu, 2017 l-Arbitru cahad l-appell wara li kkonkluda li l-appellat kien qed jahdem bi qliegh.

4. L-appellant appella mid-decizjoni. L-aggravju jikkonsisti fi kritika ghall-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

5. L-appellat wiegeb fejn ta r-ragunijiet tieghu ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Min-natura taghha stess, pensjoni tal-invalidita tithallas lil min hu inkapaci jahdem *full-time* jew *part-time* (artikolu 26(1)(a) tal-Kap. 318). F'dan il-kaz l-appellat qieghed isostni li matul il-perjodu in kwistjoni l-appellant kien qieghed jahdem bhala *taxi driver* bil-vettura tieghu tat-tip Land Rover bin-numru KAN 196.

7. Mid-decizjoni hu evidenti li dak li wassal lill-Arbitru sabiex jichad l-appell, kien:-

   *"Illi minkejja s-suespost, l-appellant stess irrimarka quddiem l-ispettorat illi, "jekk tghiduli li jkun ahjar jekk nieqaf nghabbi lit-turisti nieqaf u ma tarawnix aktar 'l hawn.*

   *Illi fl-opinjoni tal-Arbitru r-rimarka sucitata flimkien mal-fatt illi l-appellant wera lill-ispettorat kif kien dahar il-parti ta' wara tal-vettura tieghu ghax 'kien vera jhobb lit-turisti' jindikaw bic-car illi l-appellant kien qieghed joffri s-servizz ta' transport lit-turisti permezz tal-vettura privata tieghu fuq bazi regolari u ma kinitx okkazzjoni ta' darba jew darbtejn illi offra dan is-servizz".*

8. Quddiem l-Arbitru ma jirrizultax li l-appellant xehed sabiex jispjega x'kien qieghed jaghmel fil-granet li jissemmew fir-rapport tal-ispetturi. Ghalhekk ma

tax il-verzjoni tieghu dwar x'ghadda bejnu u l-ispetturi tad-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni.

9. Fir-rapport tal-ispetturi tad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji, jinghad li meta staqsew lill-appellant x'kien qieghed jaghmel fil-hin li rawh f'Marsaxlokk, wiegeb:

   *"ara jien nghinu t-turist ghax it-turist dejjem habbejtu. Imma jien din il-gimgha ta bdejt nghabbi t-turisti".*

   Kliem li qal lill-ispetturi wara li staqsewh x'kien qieghed jaghmel u wiegeb li **kien ser jiehu lit-turisti** li kien qieghed ikellem, ***"… t-toilet ghax ma kinux jafu fejn qieghed"***. Fir-rapport jinghad ukoll li dan il-post kien xi hamsin (50) metru 'l boghod minn fejn kien l-appellant u t-turisti.

   Skont l-ispetturi meta spjegawlu li mhux suppost qieghed jahdem ghaliex jircievi Invalidity Pension qalilhom:

   *"ara jekk tghiduli li jkun ahjar jekk nieqaf nghabbi lit-turist nieqaf u ma tarawnix aktar 'l hawn".*

10. L-appellant argumenta li hemm nuqqas ta' provi. Hekk per ezempju qal li l-asserzjonijiet li hemm fir-rapport ma fihomx bazi fattwali jew oggettiva, ghaliex per ezempju, *"… ma giex ippruvat mir-rapport tad-Dipartiment jekk kienx l-appellanti illi avvicina lit-turisti jew jekk kinux it-turisti illi avvicinaw lill-appellanti".*

11. Hu evidenti li b'dak li qal l-appellanti lill-ispetturi, li ma giex kontradett, l-Arbitru ma kellux dubju li l-appellant kien qieghed jahdme bhala xufier bi qliegh. Din il-qorti fis-sentenza **Alfred Sammut vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tal-15 ta' Novembru, 2006 qalet:

   *"….. ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja tal-provi. Jikkonsegwi illi anke fil-kaz li certa prova ghandha karattru merament indizzjarju, din, bhal kull prova ohra diretta hi liberament valutabbli ghall-fini tal-konvinciment".*

   Sabiex l-appellat jikkonkludi li l-appellant kien qieghed jahdem, ma kienx mehtieg li l-ispetturi jaraw lill-appellant jircievi l-flus minghand it-turisti.

12. Minn dak li jinghad fir-rapport u li dwaru xehedu l-awturi, hu evidenti li l-appellant qieghed jipprova jilaghbha tal-innocenti meta jaf li mhuwiex. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

   - **Fil-21 ta' Awissu, 2015** l-appellant intlemah ighabbi numru ta' turisti fil-vettura tieghu. Ghal habta tal-11.20 ta' filghodu kien rega' intlemah ikellem grupp ta' turisti li hargu minn restaurant li hemm fi Triq il-Wilga, Marsaxlokk. L-ispetturi rraportaw li dakinhar raw lill-appellant, *"iwaqqf xi turisti u jkellimhom".*

- **Fis-26 ta' Awissu, 2015** fl-10.30 ta' filghodu regghu marru fil-post u sabu lill-appellant f'Xatt is-Sajjieda, javvicina lil turisti u jkellimhom. Imbaghad fis-1.15 rikkeb zewg turisti nisa. Meta mbaghad l-ispetturi tkellmu mal-appellant qalilhom li kien ser jehodhom it-toilet, li pero' rrizulta li kien biss hamsin (50) metri 'l boghod. Dakinhar ukoll l-ispetturi raw lill-appellant kemm-il darba jersaq fuq turisti u jkellimhom.

13. Dak li l-appellant qal lill-ispetturi fis-26 ta' Awissu 2015 hu indikazzjoni ta' persuna li nqabdet fil-fatt tahdem u tant infixlet li spiccat taghti skuzi banali, bhal:
    a) Li rikkeb turisti fil-vettura tieghu biex iwassalhom sat-tiolet, li rrizulta li kien 50 metru biss 'il boghod minn fejn kienu;
    b) Meta qal lill-ispetturi li dak li jaghmel ghaliex ihobb it-turisti. Pero' mir-rapport hu evidenti li mhux it-turisti kienu qeghdin imorru fuq l-appellant izda kien hu li jmur fuqhom;
    c) Li kien ilu biss gimgha jghabbi turisti;

    Dawn fihom infushom huma indikazzjonijiet cari li l-appellant ipprova johloq skuzi li mhumiex verosimili sabiex jikkonvinci lill-ispetturi li ma kienx qieghed jahdem. Dak li kien qieghed jaghmel l-appellant ma kienx b'karita izda bi qliegh.

14. Dak li xehed John Baldacchino ma jbiddel xejn mill-konvinzjoni li din il-qorti ghandha u li hi identika ghal dik li kellu l-Arbitru li ddecieda l-kaz. Dak li l-appellant stess qal lill-ispetturi hu prova li probabbilment kien qieghed jahdem bi qliegh. Il-qorti ma tistax tlum lill-appellat li ha d-decizjoni li l-appellant kellu jirrifondi l-pensjoni ta' invalidita, gialadarba kien qieghed jahdem bi qliegh.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

**Tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn peress li tqies li l-appell hu fieragh.**

Anthony Ellul.